SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-erbgha u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgha 25 ta' Frar 2009 fid-9:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

**Preżenti:**

***Sindku:*** Noel Formosa

***Viċi-Sindku:*** Anthony Formosa

***Membri:*** Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

***Segretarju Eżekuttiv:*** Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Deċiżżjoni fuq is-*solar water heaters***

3.1 Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-offerti mitfugħa għaż-żewġ prodotti li ġew *shortlisted* fl-aħħar laqgħa dawk tal-prodott Calpak u dak tal-prodott Lava. Il-Prezzijiet mitfugħa kienu hekk:-

| | **Calpak** | **Lava** |
|---|---|---|
| **Capacity 160l** | €950 | €1080 |
| **Capacity 200l** | €1100 | €1100 |

3.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-garanziji li fuq il-prodott Calpak hemm 5 snin garanzija fuq it-tank u 10 snin garanziji fuq il-*panels* filwaqt li l-prodott Lava għandu ħames snin garanzija fuq it-tank u 8 snin garanzija fuq il-panels.

3.3 Il-Kunsill evalwa wkoll il-lista maħruga mill-MRA dwar il-prodotti li jikkwalifikaw għar-*rebate* tal-Gvern. Filwaqt li l-Calpak huwa ċċertifikat li jikkwallifa għal din ir-*rebate*, l-prodott Lava għadu mhux konfermat.

3.4 Għalhekk f'dan id-dawl, il-Kunsill qabel li għandu jaghzel lill-prodott Calpak peress li huwa ccertifikat li jikkwalifika għar-rebate tal-gvern, peress li għandu aktar garanzija u wkoll peress li għandu l-prezzijiet aktar vantaggjuzi.

**4.0 Wara l-laqgħa mal-ADT (Draft tat-traffic management)**

4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom mal-ADT rigward il-proġett tal-Pjazza kif ukoll it-tfassil ta' Traffic Management fil-lokal. Huma talbuna sabiex infasslu pjan minn naħa tagħna u ngħadduh lilhom għall-approvazzjoni tagħhom. Is-Sindku hawn preżenta mappa tat-toroq tal-lokal u fuqhom gie mmarkat in-naħat fejn wieħed għandu jagħmel il-*yellow lines*.

4.2 Sar qbil li għandha tiġi preparata pjanta aktar dettaljata u tiġi approvata fil-laqgħa li jmiss.

**5.0 Wara l-laqgħa mal-*Waste Serve (Bring in sites*)**

5.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mportanti li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-Inġinier inkarigat mill-*Wasteserve* Għawdex rigward il-*Bring in Sites*. Huwa semma li rnexxielu jikkonvinċihom sabiex jidħlu għal proġett ta' €14,000 li jinkludi f'kosruzzjoni ta' *bring in sites* taħt l-art fis-sit ta' quddiem il-monument ta' Dun Ġuzepp Cauchi proprjament f'*parking* li jinsab quddiem il-monument. L-Inġinier flimkien mas-Sindku qablu li fil-preżent għandna npoġġu sett ta' bring-in-sites puliti f'dan l-istess sit biex naraw kif jintlaqgħu mill-pubbliku biex eventwalment isiru taħt l-art.

**6.0 Materji oħra**

6.1 Sar qbil li wara li lħaqna ftehim mas-Supretendent tal-Pulizija Antonello Grech, dawk in-nies li jkunu qed jistennew ix-xarabank fi ġranet tax-xita, jistgħu jidħlu jistkennu fl-għassa tal-pulizija.

6.2 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tas-7 Wonders li għaliha qed issir propaganda kbira fuq mezzi tax-xandir saħansittra anke fuq *radios* barranin permezz ta' ntervisti.

6.3 Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk Carmen Grima għaddietx is-servizzi kollha meħtiega fir-residenza tagħha fi Sqaq fi Triq Wied Merill, biex kemm-il darba għamlet dan, nagħtu bidu għal proġett iffinanzjat mill-fond UIF.

6.4 Is-Sindku rrefera għall-kors tal-*parental skills* u għal fatt li sar jaf b'kumpanija li hija nteressata li ttellgħa korsijiet tal-Parental Skills f'Għawdex u li kemm-il

darba aħna noffrulha l-*premises*, hija tkun tista tagħmel il-kors b'xejn għall-applikanti tagħna.

6.5 Sar qbil li għandna nibdlu r-*robolts* tal-bandli fil-playing field.

6.6 Sar qbil ukoll li għandu jinqata' l-ħaxix ħażin mir-*roundabouts*.

6.7 Saret diskussjoni dwar kif għandna nikkonnetjaw il-ġibjun mal-culvert. Ġie deċiż li għax-xitwa li jmiss, dan għandu jigi kkonnetjat mingħajr ma jinkesa' u naraw x'jiġri.

6.8 Ġie riferut ukoll il-fatt li s-Sur George Grech baqa ma ġabx il-ħadida li kellu jġib tal-*playing field*. Sar qbil li għandna nibgħatulu ittra b'avukat.

6.9 Is-Sindku rrefera għat-talba li saret mir-*restaurant* Tatitas peress li huwa qed jistenna l-proġett tal-pjazz sakemm il-MEPA tkun tista toħroġlu l-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet. Huwa semma li s-sid talbu sabiex il-Kunsill joħroġlu permess temporanju għall-imwejjed. Is-Sindku semma li f'dan ir-rigward għandna nkunu prattiċi mingħajr ma neżaġeraw. Sar qbil li għax-xhur ta' bejn Marzu u l-aħħar ta' Mejju għandna ntuh permess temporanju biex joħroġ bejn 5 u 6 imwejjed bis-siġġijiet magħhom bil-kundizzjoni li jekk isiru xi xogħolijiet irid jaddotta ruħhu magħhom.

## 7.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-kontijiet ġew approvati.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:30 ta' filgħodu.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***